MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 533/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford.**

Il-Qorti

1. l-imputazzjonijiet kontra Alexander Anthony Gialanze Whiteford ta' 24 sena, iben Alexander Frame Whiteford u Carmen nee Gialanze, imwieled l-Ingilterra fid-29 ta' Novembru 1982 u li joqgħod 89 Triq Brighella Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44501L

Akkużat talli fit-8 t'Ottubru, 2005 f'xi ħin bejn is-2pm u l-5pm minn residenza numru 5, Lareve, Triq San Luqa Pieta':

1. Ikkommetta sewrq ta’ flus, ġojjellerija u għadd ta’ oġġetti oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-elf lira Maltin, bil-mezz, u bil-lok, liema serq sar għad-dannu tal-koppja Calleja Urry;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-ħamsin lira Maltin imma iżjed minn għaxar liri Maltin għad-dannu tal-koppja Calleja Urry;

3. U talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 445 tas-sena 2001 u li juri li l-imputat twield f’Kettering, Northamptonshire, l-Ingilterra fid-29 ta’ Novembru 1982 bin Carmen Whiteford nee Gilanaze u Alexander Frame Whiteford, il-fedina penali (fol 3 et), il-proces verbal a fol 17 li kien redatt mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera u intitolat ‘Allegat serq ta’ ġojjelli u apparat elettroniku mill-fond numru 5 Triq San Luqa l-Pieta’ għad-dannu ta’ Mark Calleja Urry li ġrat fit-8 t’Ottubru 2005’, il-konferma tal-ħatra tal-esperti maħtura matul l-inkjesta, l-istqarrija tal-imputat (fol 21) u s-sentenzi fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Joseph Attard u Alexander sive Andy Whiteford (multa ta’ Lm200) (fol 23), id-dokument (il-current incident report) GP a fol 33, id-dokument DM a fol 61 et u l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Rat id-dikjarazzjoni tad-difiża a fol 78 li fiha ddikjarat li m’għandhiex aktar provi.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-8 t’Ottubru 2005 għal-ħabta tal-5.10 pm is-Sur Mark Calleja Urry kien irrapporta li kien sar sgass fid-dar numru 5 Triq San Luqa Pieta’.

Sab taqlib fid-dar u huwa u martu sabu b'madwar Lm4000 ġojjellerija neqsin. Barra dan kien hemm apparat bħal televixin Sony, MP player, xi sony video camera (li waħidha kienet tiswa iktar minn Lm1000) u xi affarijiet żgħar.

7. Peress li kienu nstabu xi impronti diġitali fuq il-post, l-Ispettur kien talab lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jinħatar espert ħalli jsir it-tqabbil bejn l-impronti linstabu u dawk tal-imputat. Irriżulta li kien positive match.

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien għażel li ma jweġibx għad-diversi domandi magħmula mill-Prosekuzzjoni. (fol 21 et).

9. Fl-inkjesta kien inħatar PS 46 Charlot Casha biex jagħmel xi eżamijiet għall-impronti diġitali. Instabu diversi marki, liema marki kienu elevati u individwalment dokumentati skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku.

10. Fit-23 t'April 2007 (fol 66 tal-proces verbal), il-Maġistrat Inkwerenti ħatret lis-Sur Ivan Portelli sabiex jagħmel l-eżami komparattiv. Dan ħalef ir-relazzjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2007 (fol 25 tal-proces verbal)

11. A fol 57, dan l-espert irraporta dan li ġej:

'Illi għall-fini ta' dan l-inkarigu, l-esponent kellu jikkonferma u jivverifika il-formoli tal-impronti diġitali u tal-pali tal-idejn (Dok JH1 u JH") tal-imputat Andy Whiteford, **liema impronti ġew meħuda seduta stante nhar it-3 ta' Frar 2006.' (ara wkoll fol 3 tal-proces verbal paragrafu numru 3)**

**12. A fol 60 l-istess espert ikkonkluda:**

**'Illi d-dokument 05DEI302 kien identifikat mas-saba' taċ-ċurkett tal-id il-leminija ta' Andy Whieford, document immarkat bħala Dok JH1 (riferenza għall-faxxikolu fotografiku).(Ara wkoll fol 58 l-aħħar paragrafu l-aħħar sitt ivrus)**

**13. Dwar il-valur totali tal-oġġetti misruqa, is-Sinjura Magdalene Calleja Urry xehdet li l-valur kien jiżboq is-Lm6000 (fol 54) waqt li fil-proces verbal dan jidher ikkalkolat bħala t'a mhux anqas minn Lm5,678 (fol 23).**

14. L-isgass jirriżulta mir-ritratti ppreżentati a fol 35 u u mir-relazzjoni (fol 18) 'sinjali ħfief ta' sgass'.

15. Dwar il-ħsara din kienet stmata madwar Lm10 mill-espert maħtur mill-Qorti waqt li fix-xhieda waqt li x-xhud Magdalene Calleja Urry stmat li kienet madwar Lm50 iżda ma kenitx ċerta (fol 55)

16. Dwar ir-reċidiva, il-Pulizija ppreżentat żewġ sentenzi kontra l-imputat li waħda kienet ilha li nqatgħet aktar minn ħames snin qabel sar l-allegat reat iżda li għandha tgħodd bħala reċidiva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 waqt li l-oħra kienet maqtugħa fit-3 ta' Mejju 2001, kienet imposta multa ta' Lm200 ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 9 u l-identita' tal-imputat kienet ikkonfermata minn PS 38 Paul Zahra (fol 50) u għalhekk japplikaw għaliha l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

17. F'dan il-każ m'hemmx dubju li sar serq mill-fond indikat. Dan is-serq involva somma ta' aktar minn Lm5000 għal dak li hu valur, sar bi sgass u japplika wkoll il-gravanti tal-lok.

18. Dak li jorbot lill-imputat ma' dan is-serq huwa impronta diġitali li nstabet li taqbel mas-subgħa taċ-ċurkett tal-id il-leminija tal-imputat.

19. Fit-trattazzjoni tagħha d-difiża ssottomettiet li:

'l-komparazzjoni saret bejn il-lifter u l-impronti diġitali li għandhom fid-depot' (fol 81).

20. Il-Qorti eżaminat sew kif saret it-tqabbil u nstab li dan ma sarx kif qed jissottemetti l-abbli difensur tal-imputat. Fil-fatt inħatar espert apposta, ħa l-impronti diġitali tal-imputat, u qabbel l-impronti ma' dawk li kienu elevati minn fuq il-post minn fejn sar l-allegat serq.

21. Għalhekk kienu osservati l-proċeduri li ma jħallu ebda dubju li l-impronti diġitali misjuba keinu dawk tal-imputat.

22. Dawn l-impronti nstabu propju meta seħħ l-isgass u s-serqa mill-fond indikat. Id-derubati ma jafux lill-imputat u għalhekk ma jistax wieħed jikkonkludi li dan kien midħla tagħhom u li għalhekk xi darba seta' ħalla xi impronta diġitali.

23. Għalhekk il-Qorti qed tikkondkludi li kien l-imputat li wettaq is-serqa bil-gravanti kif deskritti fl-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni.

24. Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni għaliex l-isgass sar fl-istess jum li fih sar is-serq. Għaldaqstant qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

25. It-tielet imputazzjoni – l-addebitu ta-reċidiva – kien ppruvat soddisfaċentement.

**Konklużjoni**

26. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kap 9, l-artikoli 325(1)(d) tal-Kap 9, l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 u l-artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni

imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

27. Il-Qorti kkonsidrat li l-imputat ingħata ċansijiet oħra, u dġa’ kien ikkundannat għal xi perjodi ta’ priġunerija. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tliet snin u tliet xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------